MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

**ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 45/1997/1

Philip Ciantar
vs
Dipartiment tal-Finanzi u b'digriet tat-28 ta' Lulju 1997 gew kjamati fir-rikors id-Direttur tal-Kuntratti u Agent Direttur tat-Tezor

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990 huwa sofra ingustizzja fil-promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Illi hu kien ilu fl-impieg mal-Gvern mill-1979, u dan wara li ghamel zmien f'Dirghajn il-Maltin. Fl-1981 inghata l-kariga ta' xufier, sahansitra fuq ingenji kbar bhal forklifters u trakkijiet. Qal li kien jaghmel ukoll xoghol ta' supervisor.

Bejn l-1987 u l-1995, inghataw diversi promotions, izda hu kien thalla barra u baqa' fil-grad ta' group C. Qatt ma kienu tawh raguni ghala hu qatt ma kien ha xi promotion. Hu kien konvint li kien minhabba t-twemmin politiku tieghu li qatt ma kien inghata promotion.

Spjega wkoll illi l-Kap tas-Central Supplies, is-Sur Joseph Farrugia, kien ippromettielu li jitjieb fil-grad billi jsir supervisor, izda l-weghda qatt ma kienet sehhet.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal, li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment, skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promotion minn 1987, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat, il-Ministru tal-Finanzi u Kummerc, li gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet premessi bhala Dipartiment tal-Finanzi li eccepixxa:

Illi r-rikorrent ma kienx impjegat mal-Ministeru tal-Finanzi u Kummerc, pero` huwa kien impjegat mat-Tezor u meta kien impjegat fis-Central Supplies li llum taqa' taht id-Dipartiment tal-Kuntratti kien ukoll impjegat tad-Dipartiment tat-Tezor.

Illi l-intimat indaga dwar l-ilment tar-rikorrent mad-Dipartiment tat-Tezor u mas-Central Supplies (li llum, kif inghad taqa' taht id-Dipartiment tal-Kuntratti) u, dwar dan il-kaz il-Gvern kellu xi jghid is-segwenti.

Illi l-unika darba li jirrizulta lill-intimat li harget sejha ghall-applikazzjonijiet, ghal Supervisor fis-Central Supplies Section, post li r-rikorrent kien jippretendi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, kien fis-27 ta' April 1990 meta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghal dan il-post.

Illi l-post imtela fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara li saret selezzjoni skond ir-regolamenti ta' l-istess Kummissjoni u l-ilment kien ghalhekk inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 stante li r-rikorrent qatt ma deher li intavola kawza Kostituzzjonali jew dwar ksur ta' drittijiet fondamentali dwar id-diskriminazzjoni politika li huwa allega li kien sofra.

Jekk bir-rikors tieghu r-rikorrent kien ilmenta ukoll dwar xi promozzjonijiet ohra, huwa ried jispecifika sabiex iqieghed lill-intimat f'posizzjoni jindaga.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti esebiti.

Ra r-risposta ulterjuri ta' l-intimat l-Minsitru tal-Finanzi u Kummerc li gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet premessi bhala d-Dipartiment tal-Finanzi li eccepixxa:

Illi huwa bil-prezenti issostitwixxa r-raba' paragrafu tar-risposta originali tieghu bis-segwenti:

"Illi l-post kien imtela fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara li kienet saret selezzjoni skond ir-regolament ta' l-istess Kummissjoni u l-ilment kien ghalhekk inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 sakemm ir-rikorrent ma jippruvax illi huwa kien ghamel petizzjoni dwar il-hatra jew promozzjoni in kwistjoni fit-termini tal-paragrafu 1.1.7 tal-ESTACODE.

Ra r-risposta tad-Direttur tal-Kuntratti li eccepixxa:

Id-Dipartiment tal-Kuntratti kien beda jiffunzjona f'Novembru 1993 bhala Dipartiment separat mit-Tezor. Is-Sur Philip Cianar ma kienx impjegat tad-Dipartiment tal-Kuntratti meta kien gie attwat il-process tar-Ristrutturar u Assimilazzjoni tal-gradi industrijali u supervizjoni b'sehh mill-1 ta' Jannar 1991.

Id-Direttur tal-Kuntratti kien ghamel is-sottomissjonijiet tieghu dwar impjegati tad-Dipartiment tal-Kuntratti fid-dawl ta' dan l-esercizzju. Pero`, is-Sur Ciantar kien diga` gie trasferit mat-Tezor meta saru dawn is-sottomissjonijiet. Ghaldaqstant huwa ovvju li d-Direttur tal-Kuntratti ma seta' qatt ghamel rapport hazin fuq is-Sur Ciantar. Irid jinghad ukoll illi r-responsabilita' tas-Central Supplies bejn 1987 u 1993 kienet kollha kemm hi ta' l-Accountant General u d-Direttur tal-Kuntratti kif kien jissejjah il-Kap tat-Tezor sa Novembru 1993.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Gie pprezentat affidavit tar-rikorrent fejn qal li dwar l-applikazzjoni tieghu ghall-grad ta' supervisor wara s-sejha tas-27 t'April 1990 sostna li fl-interview ma gie mistoqsi xejn dwar ix-xoghol ta' Supervisor tas-Central Supplies. Staqsewh biss dwar, "Water fittings" u hu rrisponda kollox u tajjeb.

Dakinhar intghazel Mario Cilia li kien impjegat il-Kalaxlokk, u kien group "A". Huwa stess kien qallu li tefa' l-applikazzjoni minghajr ebda pretensjoni. Sa dakinhar kien jaghmel xoghol ta' xufier, anke tal-lifter u wkoll kien jiehu hsieb madwar 4 minn nies. Wara Cilia beda jiehu hsieb

in-nies huwa. Cilia kien Group A. Hu tilef madwar Lm2 fil-gimgha fil-paga ghax ma ntghaziltx.

Xehed George Sultana Principal fid-Dipartiment tat-Tezor. Skond ir-rizultat Mario Cilia li kien Skilled Labourer B kien inghata l-grad ta` Supervisor. Kien hemm 22 applikazzjoni u l-marki nghataw a bazi ta` Standard of Education 15%, Technical Knowledge 30%, Discipline, Sick Leave Record 15%, Ability to Command and instil Discipline and Experience 25% u Personality 15%. Fil-fatt ir-rikorrent Philip Ciantar inghata 60 marka u gie fis-sitt posizzjoni filwaqt li Mario Cilia, li gie l-ewwel, inghata 87 marka. Il-pass mark kienet 50%. Il-membri tal-Bord kienu A. Jones Chairman, C. Cilia membru u E. Serracino membru li kien ir-rapprezentant tal-MPO ghax il-bord kien nominat mill-PSC. Philip Ciantar ir-rikorrent kien light group driver Group C u ghalhekk naturalment oghla mill-B.

Ma jidhirx li dan Cilia kien impjegat precedentement mat-Tezor. Esebixxa l-breakdown tal-marki Dokument GS2 li jinsab a fol 63 tal-process.

Esebixxa parti mill-file tar-rikorrent. Dwar Mario Cilia ghamel xi verifiki u ma jirrizultax li kien impjegat maghhom izda probabbilment is-St Vincent De Paule. Ma setax jesebixxi l-file ta’ Cilia minhabba li ma ghadux jadem it-Tezor. Esebixxa kopja tac-cirkolari li harget fl-1990 ghal post ta’ Supervisor li giet immarkata bhala Dokument “GS1”. Ghal dan il-post kienu applikaw 22 persuna u ghaddew 8. Ir-rikorrent kien wiehed minn dawk li ghadda u gie fil-pozizzjoni numru 6. Il-post kien inghata lil Mario Cilia li kien gie l-ewwel. Esebixxa r-rizultati tal-interview kif ukoll is-Service and Leave Record ta’ Mario Cilia, Joseph Scicluna, Emanuel Zammit, Joseph Zammit, Philip Cachia u Philip Ciantar.

Xehed Emanuel Ciappara li kien shopsteward tal-union responsabbli mir-rikorrent li semma li wara li r-rikorrent kien applika hu ma kienx ha l-grad ta` Supervisor. Semma li repetutament ir-rikorrent kien isuq il-crane

ghalkemm ma kienx suppost izda kienu jghidulu "jimporta ssuq il-crane illum?" u hu ma kienx joggezzjona.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta illi fis-27 ta' April 1990 kienet harget applikazzjoni ghal grad ta' Supervisor fis-Centre Supplies Section li ghaliha kienu applikaw 22 persuna u ghaddew 8 u r-rikorrent gie s-6 wiehed u ghadda. Ir-rikorrent ilmenta li hu kien Group C u ma giex imlahhaq waqt li l-persuna li hadet il-promozzjoni kienet Group A u cioe` zewg gradi anqas minnu. Irrizulta li x-xoghol tar-rikorrent kien tajjeb u addirittura kien jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu.

Illi rrizulta li r-rikorrent mhux impjegat tal-Ministeru tal-Finanzi u Kummerc izda tat-Tezor u meta kien impjegat fis-Central Supplies din kienet taqa' taht id-Dipartiment tal-Kuntratti. Id-Dipartiment tal-Kuntratti beda jiffunzjona f'Novembru 1993 bhala Dipartiment separat mit-Tezor.

Dan kollu jwassal ghal konkluzjoni li l-Ministru responsbbli mil-finanzi u l-Accountant General ma humiex responsabbli ghall-ilment – Ara l-Artikolu 181B tal-Kap 12. Responsabbilta` f'dan il-kaz tirrizulta hija tad-Direttur tat-Tezor u tad-Direttur tal-Kuntratti li ghalkemm beda jiffunzjona f'Novembru 1993 wiret ir-responsabbiltajiet tas-Centre Supplies.

L-intimati taw l-eccezzjoni relattiva ghal Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza deciza minnu fl-ismijiet John Bilocca vs Dipartiment tas-Sahha deciza fis-7 ta' Mejju 1998 u ghall-istess motivi jichad din it-talba.

Jibqa' ghalhekk li jigi studjat il-mertu tal-kaz. It-Tribunal fil-kawza deciza minnu fl-ismijiet Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li

persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Fil-kaz in ezami rrizulta li r-rikorrent kien Group C u gie maqbuz minn persuna fi Group B li ghalhekk qabzet lir-rikorrent minn grad warajh. Dwar standard of education gew moghtija 12 u 8 rispettivament izda ma rrizultax fuq liema bazi l-bord kien assenja 12-il marka lil Cilia. Il-marki l-ohra huma kollha fuq bazi soggettiva. Irrizulta li Cilia dahal jahdem mal-Gvern bhala Labourer 2/4/79, sar Skilled Labourer 9/1/81 waqt li r-rikorrent dahal bhala Group A fit-23/7/79 u sar Light Plant Driver 10/12/81. L-ammont ta' sick leave fil-kaz ta' Cilia ma kien xejn waqt li tar-rikorrent kienu 14,15 u 12 ghas-snin 1987-1989. L-intimat ma gab ebda prova ta' xi abilitajiet specjali ta' Mario Cilia biex jaqbez grad u kien jinkombi fuqu li ghall-inqas jipproduci dokumenti jew xhieda li jippruvaw li kollox mexa b'mod gust u fuq suggetti tant arbitrarji u soggettivi kien gust li jinghata l-marki allokati. Dan qieghed jinghad minhabba l-fatt li Cilia qabez grad ghax kieku kienu ta' l-istess grad, tali prova kienet taspetta biss lir-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi jsib l-ilment gustifikat, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Supervisor b'effett mill-istess data li fiha nghata l-kariga Mario Cilia fl-1990 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimati bin-nofs.